Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 42/16

**AVVIŻI**

**16 ta' Ottubru 2016**

*Illum* il-Ħadd 16 ta' Ottubru niċċelebraw il-festa tal-protettur tal-parroċċa tagħna S. Luqa Evanġelista. Il-quddiesa tal-festa ssir fis-7pm bis-sehem tal-għaqdiet kollha u tkun immexxija minn Mons. Paul Vella.

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru sa niċċelebraw it-Tifkira ta' San Ġwann Pawl II, papa b'quddiesa fit-triq imsemmija għalih. Fis-6.15pm nitilqu mill-Knisja, ngħaddu minn triq Magħsar għal Triq Ġwann Pawlu II fejn issir quddiesa fis-6.30pm bis-sehem tat-tfal kollha tal-katekiżmu. Nistiednu lin-nies li joqgħodu f'dik it-triq biex iżejjnu l-faċċati tad-djar tagħhom u jkunu preżenti.

Infakkru li kull nhar ta' Tlieta ssir l-Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Knisja bejn l-10am u nofsinhar u li matul ix-xahar ta' Ottubru kuljum jingħad ir-rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali qabel il-quddiesa tas-7pm.